MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 73/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Anthony Mizzi**

Kaz Numru: 73/2011

Illum 25 ta’ Settembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Mizzi**, ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, bin John u Maria Dolores neé Galea, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-2 ta’ Gunju, 1982, residenti fil-fond numru 17, Triq Santa Marija, Zebbug, u/jew 2, Triq Sant Indrija, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru

19782(G), akkuzat talli nhar is-17 ta’ Lulju, 2011 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Triq ir-Republika, Victoria, Ghawdex ghall-habta tas-saghtejn (14:00hrs) ta’ wara nofsinhar:

(a) ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioé PS 559 Jason Spiteri u PS 664 Jason Xerri waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(b) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioé PS 559 Jason Spiteri filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

(c) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ta’ mhux aktar minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) ghad-dannu ta’ PS 559 Jason Spiteri;

(d) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied;

(e) fl-istess gurnata ghall-habta tas-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar, gewwa Triq il-Kastell, Rabat, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallihx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht dispozizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta’ PS 559 Jason Spiteri u PS 664 Jason Xerri jew

sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Anthony Mizzi b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 60) datata 14 ta' Frar 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 18, 96 u 98 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 18 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 18 u 339(1)(b)(d)(e)(i)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 18 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 17, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 62), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' Frar 2012, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet it-talba tad-difiza, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 74), sabiex jigi mhejji *social inquiry report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet lil *Probation Officer* Carmen Nygaard tixhed u rat is-*Social Inquiry Report* redatt minnha (Dok. "CN 1" – *a fol.* 79 *et seq.*).

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 90 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fis-17 ta’ Lulju 2011 waqt li kien qed jinzamm il-marc ta’ filghodu tal-festa ta’ San Gorg gewwa r-Rabat, Ghawdex, f’liema hin inqala’ xi dizgwid bejn xi partitarji ta’ San Gorg u Mizzi gie mwiddeb mill-Assistent Kummissarju Ray Zammit sabiex jitlaq minn fuq il-post pero dan ma telaqx u wara nqala’ dak li ser jinghad hawn taht. Il-Qorti tinnota li mill-provi jirrizulta li l-imputat ma kienx f’siktu dakinhar tal-akkadut, jew ahjar ma kienx fis-sensi totali tieghu. Dan il-fatt ma jwaqqafx lill-Qorti milli tezamina jekk sehhewx l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat pero *semmai* dan il-fatt ghandu jigi kkunsidrat fir-rigward tal-piena, jekk tinstab htija fl-imputat ghall-imputazzjonijiet, jew uhud minnhom, addebitati lilu.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Lulju 2011, xehed l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 22 *et seq.*) rigward dak li gara fis-17 ta’ Lulju 2011. Jispjega li x’hin mar l-Ghassa tal-Pulizija biex ikellem lill-imputat, dan ma kienx fi stat li jitkellem u li kellu riha ta’ xorb fuqu.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Lulju 2011, xehed ukoll **PS 419 Anton Buttigieg** (*a fol.* 24 *et seq.*) u spjega li kien bejn il-Pulizija u l-partitarji flimkien ma’ xi membri tal-Kumitat tal-festa u li flimkien mieghu kien hemm l-imputat li kien qed jghin lill-Kumitat. Jispjega li f’hin minnhom l-Assistant Kummissarju Zammitqallu biex l-imputat ma jibqghax fejn kien u wara li kien qal lill-imputat biex jitlaq, dan qallu li hu ma kien ghamel xejn hazin u li l-imputat qabad u telaq.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Lulju 2011, xehed ukoll **PS 559 Jason Spiteri** (*a fol.* 26 *et seq.*) u qal li ghas-2.00pm l-imputat mar l-Ghassa tal-Pulizija u qal li ried jirraporta lill-Assistant Kummissarju tal-Pulizija Ray Zammit. Jispjega li hu (PS 559) u PS 664 ppruvaw jikkonvincuh biex johrog mill-Ghassa bil-kwiet, ippruvaw jikkalmawh meta f’hin minnhom *“xejjer idejh jew xejjer daqqa”* (*a fol.* 26) u spicca

tajjarlu n-nuccali (lil PS 559). Kien f’dan il-hin li l-imputat gie arrestat. Spjega wkoll li l-ghada, l-imputat talbu skuza (lil PS 559), liema skuza giet accettata, u li jumejn wara l-imputat hallsu tal-ispejjez tan-nuccali.

In kontro-ezami jghid li l-imputat kien jidher xurban. Jispjega li x’hin prova johrog lill-imputat l-barra mill-Ghassa, l-imputat xejjer idejh biex jimbuttah.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Lulju 2011, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 28 *et seq.*) u spjega li waqt li kien l-Ghassa dahal l-imputat li kellu riha qawwija fuqu ta’ alkohol u dan qal li ried jirraporta lill-Assistent Kummissarju Zammit. Jispjega li lill-imputat ippruvaw jikkalmawh u li wara li kien hiereg il-barra, l-imputat dar fuqu (fuq PS 664) u qallu li kien ser jirrapurtah lill-iSpettur Tabone u wara li PS 559 qallu biex jibqa’ hiereg il-barra, l-imputat xejjer daqqa u tajjarlu n-nuccali (lil PS 559). F’dan il-hin l-imputat gie arrestat.

Illi, fis-seduta tal-20 ta’ Settembru 2011, xehdu **PC 1075 Joseph Micallef** (*a fol.* 42) u **PC 1376 Martin Muscat** (*a fol.* 43) li qalu li waqt li kienu l-Ghassa tal-Pulizija dahal l-imputat u dan beda jghid li ried jaghmel rapport dwar l-Assistent Kummissarju Zammit. Xehed fuq dawn il-linji wkoll **PC 42 Paul Said**, li xehed fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2011 (*a fol.* 54).

Illi, fis-seduta tal-20 ta’ Settembru 2011, xehed ukoll **PC 1117 Mario Camilleri** (*a fol.* 45) u qal li l-imputat dahal l-Ghassa tal-Pulizija u beda jargumenta ma’ kullhadd u li beda jiftah idu u li darba minnhom laqghat lil PS 559 Jason Spiteri f’sidru.

Illi, fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2011, xehed l-**Assistant Kummissarju Raymond Zammit** (*a fol.* 52 *et seq.*) u spjega li fil-mument li fil-marc tal-festa fejn il-partitarji jieqfu u jibdew jghajjtu, mar l-imputat li ma kienx f’pozizzjoni li jiehu hsieb tieghu nnifsu u nforma lill-Pulizija biex l-imputat jitnehha minn fuq il-post. Jixhed li dan ghamlu *“darba, darbtejn, tlieta, vuldieri f’kull interval ta’ ghaxar minuti jigi lura u jipprova anke jaqbad mal-Pulizija*

*u anke ma xi partitarji”*. Jispjega li hass li l-imputat kellu jitnehha mill-post u li l-imputat telaq minn fuq il-post u wara xi hin gie nfurmat mill-Ghassa li l-imputat mar l-Ghassa jirraporta ghalfejn tnehha.

In <u>kontro-ezami</u> qal li l-imputat ma riedx jobdi. Jghid: *“Ma ridtx jobdi. Beda jissara ma’ shabu u hekk u ried jiehu r-raguni. Imma ma kienx f’postu zgur”* (*a fol.* 53).

Illi, fis-seduta tas-16 ta’ April 2013, xehdet **Carmen Nygaard** (*a fol.* 77) u ezebiet is-*Social Inquiry Report* redatt minnha (Dok. “CN 1” – *a fol.* 79 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)</u>**:
Illi f’din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-ingurji kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta’ dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta’ dana r-reat jista’ jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida

tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

“Quando l’oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l’ingiuria fatta all’esercizio delle funzioni, l’insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest’ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all’esercizio di esse sussisterebbe sempre.”

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew ta’ persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

“This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.”

Sahansitra f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta’ Novembru 1917 f’kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

“Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell’agente, e’ necessario ad integrare l’elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato, ma questa scienza puo’ sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell’oltraggio; di guisacche’ il reato puo’ avverarsi anche se l’ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell’oltraggiante della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato.”

Illi mix-xiehda moghtija minn PS 559 Jason Spiteri ma jirrizultax li ntuza xi kliem ingurjuz mill-imputat. Jirrizulta li l-imputat kien qed jipprotesta u dana ghar-raguni li kienet nghatat ordni li ma jibqghax mal-marc u sahanasitra ghax ir-rapport tieghu ma ttehidtx. Lanqas mix-xiehda moghtija minn PS 664 Jason Xerri ma jirrizulta xi kliem ingurjuz. M'hemmx dubju ghalhekk li ma tistghax tinsab htija fl-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni –**
**(Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu 96 ghandu wkoll bhala vittma, bhal Artikolu 95, l-ufficjal pubbliku pero jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. *In oltre* l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti

taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar ’il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta’ dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: “*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*.”

Il-Qrati taghna f’diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

“Dana l-artikolu [b’riferenza ghall-Artikolu 96] jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun “persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku” (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku “tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – “waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz””.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat tajjar n-nuccali ta’ PS 559 Jason Spiteri meta s-Surgent kien qed jaqdi dmirjietu u fil-mument li l-imputat kien hiereg mill-Ghassa tal-Pulizija u beda jargumenta billi jxejjer idejh. Minkejja li fix-xiehda tieghu PS 559 Spiteri jghid li hu ma jahsibx li l-intenzjoni tal-imputat kienet li jsawwtu go wiccu, pero xorta jibqa’ l-fatt li t-tlitt (3) elementi essenzjali ghal kostituzzjoni tar-

reat kkontemplat taht Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 gew sodisfatti. Ghaldaqstant, ghandha tinstab htija fl-imputat ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**
**(Artikoli 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna hsara volontarja fil-konfront ta' PS 559 Jason Xerri meta kissirlu n-nuccali. Il-Qorti tinnota li fix-xiehda tieghu PS 559 Jason Spiteri qal hekk: *"Imma ma nahsibx li kienet l-intenzjoni li jsawwatni go wicci"* (*a fol.* 27). Apparti dan, PS 664 Jason Xerri qal li l-imputat kien jidher *"daqxejn eccitat"* (*a fol*. 28). Id-difiza ghandha ragun targumenta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha li li l-hsara kagunata mill-imputat kienet wahda involontarja u mhux volontarja. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –**
**(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi dan l-Artikolu ma giex indikat fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mill-Avukat Generali, ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) imputazzjoni.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni –**
**(Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat naqas li jobdi l-ordnijiet moghtija lilu li ma jibqghax fejn kien fil-hin tal-marc. M'hemmx dubju li l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**Akkuzi ohra ndikati fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 60)**
Artikolu 98 tal-Kapitolu 9
Illi ma jirrizultax li saret vjolenza pubblika kif rikjest taht Artikolu 98 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqsant ma tistax tinstab htija taht dan l-Artikolu.

Artikoli 339(1)(b)(d)(e)(i)(l)

Illi l-ebda wahda mill-kontravenzjonijiet li gew indikati f'dawn l-Artikoli ma tirrizulta u ghaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab hati taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li huma biss it-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputati u li gew pruvati, dak li wassal lill-imputat jikkometti tali imputazzjonijiet (inkluz li hassu hazin meta ma thalliex jibqa' fil-marc tal-festa li huwa tant ihobb), l-istat li kien fih l-imputat meta kkommetta dawn l-imputazzjonijiet, il-fatt li l-imputat hallas lil PS 559 Jason Spiteri ghan-nuccali, il-fatt li l-imputat talab skuza lis-Surgent Spiteri, liema skuza giet accettata, u kif ukoll is-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 79 *et seq.)* redatt mill-*Probation Officer* Carmen Nygaard. Il-Qorti tinnota li l-azzjonijiet tal-imputat setghu jigu evitati kieku huwa kien aktar seren fil-hsibijiet tieghu. L-imputat ghandu jifhem li l-Pulizija qeghdin hemm biex izommu l-ordni u biex jevitaw incidenti u li l-ordni li nghatat mill-Assistant Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-imputat ma jibqghax jifforma parti mill-marc tal-festa kienet wahda sana u dana tenut kont ta' l-istat li kien fih l-imputat, liema ordni nghatat biex jigi evitat inkwiet fil-marc, kif mhux l-ewwel darba jigri! Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u tenut kont tal-provi mismugha, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha taghti sentenza ta' prigunerija jew ta' wahda sospiza fil-konfront tal-imputat pero ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta' provi, mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-14 ta' Frar 2012 b'mod partikolari Artikoli 96 u 338(ee) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ PS 559 Jason Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------